**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Ġunju 2010 – Procaps vs UASI – Biofarma (PROCAPS)**

**(Kawża T-35/09)**

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PROCAPS — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti PROCAPTAN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 32, 62, 66, 67)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' Novembru 2008 (Każ R 867/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Biofarma SAS u Procaps, SA.

## Informazzjoni dwar il-kawża

| | |
|---|---|
| Applikant tat-trade mark Komunitarja: | Procaps, SA |
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark verbali PROCAPS għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 35, 39, 40, 44 – Applikazzjoni Nru 3519394 |
| Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Biofarma SAS |
| Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali PROCAPTAN għal prodotti fil-klassi 5 |
| Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: | Oppożizzjoni miċħuda |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud parzjalment |

## Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Procaps SA hija kkundannata għall-ispejjeż.